MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1210/1993/1

**Martin Bonello Cole**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija u Direttur tax-Xoghlijiet; u skond digriet tat-18 ta' Marzu 1994 gew ordnati il-kjamati in kawza tac-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Korporazzjoni u ta' Charles Polidano.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-11 ta' Ottubru 1993 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-8 ta' Marzu 1992 fis-1:30 a. m. l-attur kien qieghed isuq il-karozza tieghu Porsche N - 9880 f' Burmarrad Road fid-direzzjoni ta' Targa Gap;

U premess illi f’ din it-triq kien hemm gandott wiesgha dovut ghall-xoghlijiet ta’ *trenching*;

U premess illi s-sinjal provvisorju tat-traffiku li kien juri li dik il-parti ta’ Burmarrad Road kienet saret *one-way*, kien tnehha minn postu;

U premess illi ghalhekk ma kienx hemm l-ebda indikazzjoni li dik it-triq kienet maghluqa ghall-esponent;

U premess illi l-esponent ghalhekk dahal f’ dik il-parti tal-karreggjata, u habat ma karozza A - 8833 misjuqa mid-direzzjoni opposta minn Geoffry Zarb;

U premess illi in konsegwenza ta’ din il-habta l-karozza ta’ l-attur sofriet danni ingenti, b’ mod li giet dikjarata “*total loss*”;

U premess illi l-konvenuti huma responsabbli ghat-tqieghed u konservazzjoni ta’ senjaletika tat-traffiku li taghti preavviz xieraq ta’ ostakolu jew perikolu;

U premess illi d-danni li sofra l-attur huma konsegwenza ta’ l-assenza tal-barriera senjaletika fuq imsemmija;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara responsabbli lill-konvenuti jew min minnhom ghall-hsara li sofra l-esponent fl-incident fuq imsemmi;

2. Tillikwida dawn id-danni okkorrendo permezz ta’ perit;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fis-17 ta' Jannar 1994 li permezz taghha huma eccepew:-

1. In-nullita` tac-citazzjoni stante li ma gietx preceduta b' ittra ufficjali fit-termini ta' l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi huma m' humiex il-legittimi kontradituri ghall-azzjoni u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li x-xoghol ta' thaffir in kwistjoni ma kienx qieghed isir minnhom izda minn certu Charles Polidano li ghalhekk kien hu li kellu l-obbligu li jiehu l-prekawzjonijiet biex jara li x-xoghol li kien qed iwettaq ma jikkagunax danni u mhux l-esponenti li kellhom joqoghdu fuq il-post il-hin kollu, kif jippretendi l-attur, biex jaraw li l-istess kuntrattur jadempixxi l-obbligi tieghu;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-esponenti kienu hadu hsieb li jaghmlu s-senjaletika li kienet necessarja biex taghti l-preavviz xieraq ta' l-ostaklu in kwistjoni, li del resto kien ukoll pjenament vizibli minn sewwieq f' sensieh, u li huma ghalhekk ma jistghux jigu tenuti li jirrispondu ghall-agir illegali ta' xi terzi li setghu qalghu dik is-senjaletika minn postha, b' mod li jippresupponi li ufficjali tal-Gvern ghandhom jithallew ghassa erbgha u ghoxrin siegha kull jum ma' kull sinjal tat-traffiku;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, il-kawza vera u prossima ta' l-incident ma kinitx in-nuqqas ta' senjaletika izda kien is-sewqan traskurat u mankanti minn "*proper look out*" ta' l-attur u/jew tas-sewwieq l-iehor involut fil-kollizjoni;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Frar 1994 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Joseph Micallef Stafrace biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-18 ta’ Marzu 1994 li permezz tieghu gew kjamati in kawza ic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-istess Korporazzjoni u ta’ Charles Polidano;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Charles Polidano li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa qatt ma ghamel xoghlijiet kif pretiz fic-citazzjoni; kienet is-socjeta` Polidano Brothers Limited illi ghamlet xoghlijiet; ghaldaqstant, it-talbiet attrici fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, huwa mhux responsabbli ghad-danni pretizi;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kjamat fil-kawza Charles Polidano u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat illi l-Korporazzjoni Enemalta ma pprezentatx in-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha;

Rat ir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju nominat li tinsab a fol. 62 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza ta’ l-10 ta’ Lulju 1998;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti tal-kjamat in kawza Charles Polidano u ta' l-attur;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Mill-att promotorju tal-gudizzju jirrizulta fuq liema fatti l-attur qed jibbaza t-talba tieghu kontra l-konvenut. Din ir-recitazzjoni tal-fatti flimkien ma' dawk l-ohra kaptati mill-provi sejrin jigu hawn relatati:-

I. L-attur jghid li hu kien gej mill-Imgarr, fejn attenda tieg, flimkien ma' Nathalie Salamone, passiggiera fil-*car* misjuqa minnu;

II. Meta mbokka Targa Gap fuq in-naha xellugija tat-triq kien hemm gandott wiesgha bit-terrapien imxammar. Billi ma kien hemm l-ebda sinjali li juru li t-triq kienet saret *one way* u billi osserva karozzi ohra nizlin mill-istess direzzjoni tieghu huwa segwihom ghax haseb li t-triq kienet infethet ghall-uzu ta' l-utenti;

III. F' din il-korsa tat-triq l-attur kien involut f' habta ma' vettura gejja mill-faccata. Bl-impatt tilef il-kontroll, qabez il-hajt, u waqa' gholi ta' xi sular u nofs. Hu u l-passiggiera baqghu illesi izda l-vettura tieghu garrbet hsarat estensivi;

IV. L-attur (fol. 90) jghid li kien ghaddej bi *speed* ta' cirka 20 u 25 mil fis-siegha. Is-sewwieq l-iehor, invece, involut fil-kollizjoni, jghid li hu kien osserva lill-attur gej sparat mill-faccata. Mistoqsi jekk kienx ha xi grokk zejjed fil-festin tat-tieg, l-attur jizmentixxi dan (fol. 115);

V. Jinghad illi fil-lokalita` in kwestjoni la kien hemm *cones* u lanqas dwal konnessi max-xoghlijiet tal-gandott. Kien hemm pero` *barrier* li skond l-attur kienet imserrha

mal-genb tat-triq. Skond ix-xhud Jeffrey Zarb (fol. 108) din kellha fanal maghha pero` ma jafx jekk kienx mixghul;

VI. PS 1381 Michael Camilleri (fol. 100) li nvestiga l-kollizjoni, jafferma li dakinhar ta' l-incident - 8 ta' Marzu 1992 - kien lejl ta' rih u xita tant li meta rega' qieghed l-*barriers* f' posthom dawn inqalbu bir-rih;

Apparti s-suesposti fatti li ghandhom konnessjoni diretta ma' l-incident, mill-kumplament tal-provi l-ohra jistghu jigu rikavati dawn l-aspetti li kapaci jincidu fuq il-kaz:-

(a) Ix-xoghol ta' *trenching* kien jikkonsisti fi skavar ta' trinka tul ta' bejn tmienja u disa' kilometri minn H' Attard sa Bugibba. Skond l-inginjier Alan Attard (fol. 104), dan ix-xoghol gie appaltat lis-socjeta` Cement Mix Company Limited wara sejha ghat-*tenders*. Ara dokumenti esebiti minn fol. 170 sa fol. 188;

(b) Dejjem skond dan l-istess xhud, fiz-zmien partikolari ta' meta sar ix-xoghol kien jezisti "Trenching Inspectorate" fil-Ministeru ghall-Ambjent li *inter alia* l-kompitu tieghu kien li jissorvelja x-xoghlijiet u jassikura li dawn jitwettqu konformement ma' l-i*specifications* (fol. 113);

(c) Xoghol bhal dan kien jinvolvi l-otteniment preventiv tal-permessi minghand id-Direttur tax-Xoghlijiet u l-Kummissarju tal-Pulizija. Hekk kien rikjest minn klawsola 16 tal-Kondizzjonijiet tad-*tender* (fol. 176). B' danakollu kemm Charles Ebejer (fol. 101), inkarigat mit-*trenching applications* fil-Works Department, kif ukoll PS 1195 Albert Mifsud (fol. 97), inkarigat mill-permessi fl-ghassa tal-Mosta, ikkonfermaw illi mir-ricerki li ghamlu ma nstabet l-ebda applikazzjoni ghat-trinkar tal-gandott *de quo*;

(d) Marcel Cassar, Financial Controller ta' Polidano Brothers, li fiz-zmien ta' l-akkadut ma kienx impjegat taghhom, iddepona illi meta johrog *tender* ghal xoghol fit-

triq xi hadd partikolari jassumi responsabilita` personali mal-Pulizija (fol. 111);

(e) Dan jattalja max-xhieda ta' PS 1195 Albert Mifsud fejn dan stqarr illi, ghalkemm issir applikazzjoni minn kumpanija, il-Pulizija tohrog permess fuq individwu ghal finijiet ta' responsabilita` (fol. 98). Zied jaggungi illi kull meta saret applikazzjoni minn Polidano Bros. il-permess dejjem inhareg fuq Charles Polidano, wiehed mill-kjamati in kawza f' din l-istanza;

Premess dak li fuq gie rikapitulat din il-Qorti jidhrilha li gie ritratt sew il-kwadru tal-kwestjoni li dwarha giet imsejha biex tidderimi;

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali, b' konsiderazzjoni ta' dawn l-istess fatti u provi li kellu quddiemu ikkonkluda li l-kjamat in kawza Charles Polidano, citat personalment u mhux ghan-nom tal-kumpanija, ghandu jitqies responsabbli talli naqas li jiehu dawk il-mizuri prekawzjonali kif kien vinkolat bil-kondizzjonijiet ta' l-appalt;

L-assunt tal-perit legali ghal din il-konkluzjoni tieghu hu komprez fil-parametri ta' dawn il-motivi, jigifieri,

(i) li fil-kaz ta' Polidano Group il-permess dejjem hareg fuq Charles Polidano;

(ii) li skond it-*tender document*, Charles Polidano jiffigura bhala l-firmatarju;

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-argomentazzjoni tal-perit legali fir-rigward u thoss li ma tistax taqbel mal-konkluzjoni raggunta minnu u ghalhekk mhux behsiebha taddotta r-ragunijiet minnu sottomessi;

Fl-ewwel lok il-Qorti ssibha difficli biex taccetta bhala plawsibbli u valida l-proposizzjoni illi ghax drabi ohra l-permess dejjem hareg fuq Charles Polidano personalment, *ergo*, hekk ukoll kien mistenni li jsehh fir-rigward ta' l-appalt tat-*trenching works* in ezami kieku s-socjeta` appaltatrici applikat ghall-otteniment tal-permessi relattivi. Din hi assunzjoni perikoluza hafna u ma tistax razzjonalment tigi kondiviza gjaladarba, kif manifest mill-provi, fil-kaz *de quo*, il-kuntrattur ma applika ghall-ebda permessi bhal dawn. Kuntrattur li fil-fehma tal-Qorti, minn ezami tad-dokumenti esebiti, ma kien hadd ghajr is-socjeta` Cement Mix Limited;

Certament, dejjem fl-opinjoni tal-Qorti, ma kien rikjest l-ebda sforz biex minn ezami ta' l-istess dokumenti tat-*tender* jigi konfermat u stabbilit illi l-kontrattazzjoni saret bejn il-Korporazzjoni u l-kumpanija. Ma tezisti l-ebda raguni il-ghaliex Charles Polidano jidher bhala firmatarju ghandu ghal daqshekk ikun prezunt illi dan kien qed jagixxi f' ismu personali u mhux ukoll f' isem u fl-interess tas-socjeta`. Kellu jkun bil-wisq ovvju mill-istess *tender document* u atti ohra, *ad exemplum*, dak a fol. 164, illi l-kuntrattur ma kien hadd hlief is-socjeta` u meta saret il-firma din kienet torbot lill-istess socjeta` u mhux lill-individwu firmatarju;

Mic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kellu jkun ferm apparenti illi Charles Polidano kien qed jiffirma in rapprezentanza tas-socjeta` tieghu. Din ir-realta guridika ta' l-ezistenza tas-socjeta` li lilha gie assenjat l-appalt ma tistax tigi injorata. Socjeta` b' personalita` guridika ben identifikata u li kienet din li assumiet l-obbligazzjonijiet u l-oneri kontrattwali. Primarjament l-obbligu li qabel ma tibda x-xoghlijiet tassikura l-adempiment ma' klawsola 16 ta' l-i*specifications*, fis-sens li tapplika ghall-permessi relattivi. X' setghet iddecediet il-Pulizija fl-intestatura u ghoti tal-permess hu *res inter alios acta* ghal finijiet tal-kwestjoni in diskussjoni, gjaladarba, kif irrizulta, ma saret l-ebda applikazzjoni effettiva;

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni konvincenti il-ghala, fuq mera supposizzjoni jew deduzzjoni inezatta tal-provi, ghandha tavvalla l-konkluzjoni tal-perit legali ghal dik li hi responsabilita`;

Dan stabbilit, il-Qorti pero` tosserva li f' parti ohra tar-relazzjoni l-perit legali ghamel dan il-kumment: "... anqas hu mistenni li triq ewlenija ta' traffiku ddum maghluqa in parti ghall-jiem shah, <u>bla permess tal-Pulizija</u>, u <u>bla ma l-Pulizija tinduna b'dan</u> (sottolinear ta' l-istess perit legali). *Di piu`*, meta gara l-incident stradali *de quo*, il-Pulizija baqghet ma ndunatx bin-nuqqas ta' permess. Jew jekk indunat, ma ghamlet xejn. L-istess bhall-Enemalta li l-ewwel ghamlet il-kundizzjonijiet Nri. 14 u 15 fid-Dok. MC1, imbaghad ma ratx li dawn jigu mharsa";

Dan il-kumment, ghalkemm elokwentement kapsulizzat, ma giex imbaghad, kif wiehed logikament kien jispetta, doverosament zviluppat mill-perit legali li ssollevah. Dan presumibilment ghar-raguni illi huwa kkoncentra ruhu dwar il-htija ta' Charles Polidano, hekk singolat minnu bhala l-uniku awtur kolpevoli;

Certi fatti rikapitulati mill-attijiet tal-kawza ghandhom ihallu l-impronta tal-htija ta' min kien fid-dover li jippresta attenzjoni kostanti kemm fir-rigward tal-konduzzjoni tax-xoghlijiet permezz ta' sorveljar adegwat, kif ukoll f' min kien responsabbli li jassikura li x-xoghlijiet kienu qed jigu ezegwiti skond permessi debitament ottenuti u bla perikoli ghall-utenti;

Huwa certament improbabbli, jekk mhux ukoll inkredibbli, illi, konsiderat l-estensjoni tat-*trenching*, il-Pulizija ma kinitx taf bl-ezistenza tax-xoghlijiet in korso. Kwalsiasi dubju dwar dan hu newtralizzat mid-deposizzjoni ta' PS 1381 Michael Camilleri fejn xehed illi "l-idea kienet li l-vetturi jitilghu biss lejn il-Mosta u mhux lejn San Pawl. Min ried imur San Pawl jew juza t-triq ta' Alla w' Ommu jew via Mgarr" (fol. 101);

Indubbjament ghalhekk il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija kien jaf li kienu qed isiru xoghlijiet f' dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident, kien jaf bl-ostakoli u nsidji ghat-traffiku, u kien jaf, jew messu kien jaf, illi ma nhargu l-ebda permessi li jawtorizzaw x-xoghlijiet.  Dan ir-riljiev jissokta jigi msahhah mill-fatt dikjarat mill-istess konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu illi hu kien ha l-passi necessarji biex l-ostakolu in kwestjoni jigi adegwatament senjalat lill-utenti tat-triq.  Dan bil-provvizjoni ta' *barriers* necessarji;

Cionostante, fil-kaz prezenti gie sufficjentement pruvat illi s-senjaletika fit-triq kienet insufficcjenti, inefficjenti u inadegwata, anke ghal dak li *ex contractu* kellu jipprovdi l-kuntrattur skond klawsoli 14 u 15 ta’ l-I*specifications* (fol. 176);

Hi allura wkoll f’ lokha l-osservazzjoni tal-perit relatur inkwantu jikkoncerna l-Enemalta Corporation li baqghet kontumaci.  Anke hawn il-provi ddemostraw illi din l-istess Korporazzjoni naqset milli tissorvelja x-xoghol biex tara jekk il-kuntrattur kienx qed jonora l-kondizzjonijiet tal-kuntratt.  Ghalkemm, kif mistqarr minn Alan Attard (fol. 113) it-Trenching Inspectorate kien fid-dmir li jaghmel il-kontrolli mehtiega, jew is-sorveljanza ma saret xejn, jew, jekk saret, kienet wahda non-kuranti ghall-ahhar.  Isegwi b’ konsegwenza anke mill-kontenut ta’ l-appalt illi il-Korporazzjoni ma qdietx id-doveri taghha biex taccerta ruhha f’ kull mument adempjenza shiha da parte tal-kuntrattur mat-termini tal-kuntratt;

Tant tidher manifesta din in-non-kuranza illi sahansitra, bl-incident b’ kollox, l-istess Trenching Inspectorate ghaddiet biex tinforma lill-Enemalta li l-hlas tal-kont finali fuq l-appalt seta’ jsir.  Dan wara li otteniet in-“*no objection*” necessarja mit-Telemalta, Water Works, Drainage, Roads u Police Enforcement.  Ara Memorandum lill-Officer in Charge tal-Korporazzjoni datat 19 ta’ Mejju 1992 (fol. 169).  Huwa presumibbli illi wara dan il-Korporazzjoni ghaddiet ghall-pagament tal-kont finali.  Dan nonostante li

l-incident kien gja sehh u l-pretiza ghad-danni kienet ghalhekk wahda potenzjali;

Issa in tema ta’ dritt jinghad, skond l-Artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili, li hi l-ligi komuni applikabbli ghal kulhadd indistintament, li “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu”, u “jitqies fi htija min ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja”. L-istess ligi hi mbaghad daqstant iehor kategorika u cara dwar il-punt illi “kull min ... minghajr hsieb li jaghmel danni ... b’ nuqqas ta’ diligenza, ta’ prudenza jew ta’ hsieb ... jaghmel jew jonqos li jaghmel id-doveri mposti mil-ligi, huwa obbligat ghall-hsara li tigi minn hekk.” Tali principji jabbraccjaw l-attijiet ta’ kommissjoni kif ukoll ta’ ommissjoni;

Applikati ghal kaz hawn trattat il-Qorti tara li kien jinkombi b’ dover fuq l-awtorita` pubblika, u dan ighodd ukoll ghall-enti pubblika, responsabbli minn certi xoghlijiet, illi tassikura li l-uzu tat-triq u l-*flow of traffic* jigu zvolti minghajr perikoli jew insidji. Dan bl-operat ta’ dawk il-mizuri prekawzjonali li jharsu l-inkolumita` ta’ l-utenti jew tal-*pedestrians* li jkun qed jaghmlu uzu mit-triq. Hekk per ezempju billi tipprovdi *guard rails*, *barriers* u senjalazzjonijiet ohra adegwati. L-istess awtorita` jew enti pubblika ghandha wkoll id-dover li thares, b’ indukrar sufficcjenti, illi fl-ezekuzzjoni ta’ xoghlijiet stradali kuntratturi inkarigati jkunu qeghdin huma wkoll jiehdu l-mizuri protettivi ghall-ahjar harsien tat-terzi. Jekk l-awtorita` jew enti pubblika tonqos f’ dan tista’, u ghandha, issib ruhha rinfaccjata minn domanda ghar-rizarciment tad-danni, kif hekk inhu proprju il-kaz in ispecje;

Kif gja gie osservat tali kondotta hi riflessa f’ disposizzjonijiet espressi tal-ligi. Tista’ wkoll tkun prevvista minn kondizzjoni kontrattwali jew anke minn sitwazzjoni specifika li tkun tesigi attivita` specifika fit-tutela tad-drittijiet ta’ haddiehor;

F’ dan il-kaz l-ezistenza obbjettiva tal-perikolu ghall-utenti tinsab allaccjata ma’ kondotta kolpuza omissiva. F’ dan jinsab in-ness ta’ kawzalita` bejn din l-istess ommissjoni kolpuza u l-event dannuz. Kienet allura din il-kawza tal-lezjoni ta’ l-interess guridikament protett li ghandu l-attur. Dan qed jigi rilevat in kwantu kif rizultanti mill-provi ma jidhirx illi l-konvenuti u l-Korporazzjoni kjamata fil-kawza assumew inizzjattivi biex jassikuraw ghal dik li hi senjalazzjoni u protezzjoni adempiment mill-kuntrattur responsabbli mill-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet. Kuntrattur li ghalkemm ghandu r-responsabilitajiet tieghu ghall-akkadut ma huwiex wiehed mill-kontestanti f’ din l-azzjoni. Hi allura wkoll din l-istess inosservanza tad-doveri li ddeterminat, anke f’ dan il-kaz, fuq il-bazi tal-gudizzju tal-kawzalita`, l-event dannuz ghall-attur;

Kif akkolt minn certi interventi gurisprudenzjali ta’ dawn l-ahhar snin r-responsabilita` ta’ l-amministrazzjoni pubblika hi materja f’ evoluzzjoni, tista’ tghid, kontinwa. Tali zvilupp wassal biex jigi ritenut illi l-amministrazzjoni pubblika hi wkoll, bhal kull individwu jew korp, tenuta li tosserva l-principju “*neminem laedere*”. Tali principju hu issa estiz kemm fil-kaz ta’ ezekuzzjoni jew manutenzjoni ta’ xoghlijiet pubblici kif ukoll in rapport ta’ vigilanza jew ta’ kontroll in generali ta’ l-attivita` pubblika. F’ din il-gurisprudenza gie affermat illi l-awtorita` jew enti pubblika tista’ twiegeb ghall-htija akwiljana. Ara bhala ezemplari decizjonijiet fl-ismijiet “**Elvira Abela –vs- Onor. Prim Ministru *et***”, Appell, 30 ta’ Dicembru 1994 u “**John Farrguia *et* –vs- Perit Joe Ellul Vincenti *nomine***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 1 ta’ Ottubru 1996;

Dan jghodd ugwalment fil-kaz ta’ socjeta` limitata billi anke din mhix eskluza minn kolpa akkwiljana. A propozitu d-decizjoni fl-ismijiet “**Victor Galea –vs- Marin J. Hili *nomine***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, per Imhallef J. Said Pullicino, 1 ta’ Ottubru 1996. F’ dan is-sens ghalhekk il-Qorti trid tikkorregi l-proposizzjoni, guridikament zbaljata, ta’ Charles Polidano fin-Nota ta’ kritika tieghu;

Biex tinghata twegiba wkoll lil certa osservazzjoni ohra ta' l-istess Charles Polidano, u suggerita wkoll mill-konvenuti fit-tielet eccezzjoni taghhom, ghandu jinghad illi l-iskuzanti tat-terz injot ma ssibx adezjoni fil-gurisprudenza taghna. Dan kif rifless mis-silta kaptata mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-9 ta' Dicembru 1968 fil-kawza fl-ismijiet "**Victor Camilleri *proprio et nomine* –vs- Nazzareno Cutajar**", li qed tigi hawn riprodotta;

"Kieku stess jitqies pruvat li kien hemm in-negligenza tat-terz injot u li kkonkorriet man-negligenza ta' l-istess konvenut biex jigi kawzat l-incident, il-konkluzjoni ma kellhiex tkun illi, fil-konfront ta' l-atturi, il-konvenut jitqies responsabbli f' parti biss. F' kaz bhal dan l-atturi ghandhom dritt isegwu d-danni kollha minghand il-konvenut salv talvolta lil dan, id-dritt li jindennizza ruhu, jekk jista' minghand it-terz ghall-parti tieghu ghall-htija. Fl-assenza tal-kawza tat- terz mhux maghruf hu car fil-fehma tal-Qorti illi mhux possibbli li tigi stabbilita` b' mod vinkolanti jew sigur, il-parti tar-responsabilita` tieghu jekk kien hemm."

Ghalhekk "id-difiza tat-terz injot mhix sostenibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza" – "**Anthony Fenech *nomine* –vs- Paul Gauci**", Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' Frar 1994; "**George Borg *et* –vs- Margaret Grima**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;

Isegwi konsegwentement illi s-sottomissjoni fuq dan il-punt ma hijiex wahda attendibbli;

Maghdud dan kollu fuq espost hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi sostanzjalment il-kondotta tal-konvenuti u tal-Korporazzjoni kjamata in kawza ghandha titqies li kienet wahda ta' "*violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le consguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo ed anche senza avvedersene, ed allora si ha la colpa ed il quasi delitto*"

(**Vol. XXIV P I p 172**). Kienet din l-istess ommissjoni kolpuza li kkawzat id-dannu lill-attur;

Bhal perit legali qabilha din il-Qorti ma tirravvisa l-ebda kontributorjeta` fil-mod tas-sewqan ta' l-attur u ghalhekk fir-rigward, kontrarjament ghal dak pretiz mill-konvenuti jew mill-kjamat in kawza Charles Polidano fin-Nota ta' kritika tieghu, l-ebda responsabilita` minhabba xi nuqqas ta' "*proper lookout*" ma ghandha tigi rinfaccjata lill-attur;

B' danakollu l-Qorti ma tistax taqbel ma' dak ritenut mill-perit legali dwar rizerva ta' drittijiet tas-sewwieq l-iehor Jeffrey Zarb. Dan ta' l-ahhar, ghalkemm talab li jintervjeni fil-proceduri (ara rikors tieghu a fol. 52), eppure din l-istess talba baqghet ma gietx imbaghad degretata u dan qatt ma dahal fil-proceduri;

Issa l-konvenuti ma ddefendewx ruhhom biss fuq il-meritu tal-kaz izda ssollevaw l-kwestjoni preliminari ta' l-irritwalita` tac-citazzjoni billi din ma gietx proposta fl-osservanza tad-disposizzjoni procedurali sancita fl-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12;

Verament din il-pretiza tal-konvenuti tidher li hi fondata. La mill-korp tac-citazzjoni u lanqas minn xi att iehor ma jirrizulta illi l-attur ippreceda l-kawza tieghu minn interpellazzjoni ufficcjali jew protest gudizzjarju inkorporanti l-pretensjoni tieghu, kif hekk irid l-Artikolu 460. U allura, anke jekk kontra qalbha, fuq ir-rizultanzi sostantivi tal-meritu ottenuti, din il-Qorti ma tistax tinjora din l-eccezzjoni u ser tghaddi biex takkoljiha;

Divers kien ikun il-kaz kieku l-Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur tax-Xoghlijiet flok citati bhala konvenuti kienu msejjha fil-kawza ghax allura l-imsemmi dispost ma kienx jircievi applikazzjoni. Dan ghall-motivi ben traccjati fid-decizjoni fl-ismijiet "**Paul Cauchi –vs- Godwin Schembri u l-Kummissarju tal-Pulizija, kjamat in kawza**", Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' Marzu 1984. Il-kaz prezenti ma

huwiex wiehed minn dawn u allura din il-Qorti ma tistax hlief tqis nulla ic-citazzjoni in kwantu diretta kontra l-konvenuti;

Stabbiliti l-fatti, il-kontestazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet ta' dritt, il-Qorti jkollha, ghall-motivi dedotti, issib lill-Korporazzjoni Enemalta responsabbli ghall-incident u ghad-danni subiti mill-attur. Danni li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwarhom minn kif likwidati mill-espert legali;

Wara kollox il-konkluzjoni tieghu fir-rigward hi konsona ma' gurisprudenza stabbilita li tafferma illi f' kaz li vettura tigi konsidrata bhala "*total loss*", allura l-attur hu intitolat jigbor minghand id-danneggjant id-differenza bejn il-valur ta' l-istess vettura qabel l-incident u l-valur taghha wara l-incident ghax dawk huma d-danni li huwa sofra. Ara "**Farrugia –vs- Bartolo**", Appell Civili, 16 ta' Mejju 1984; "**George Debono *nomine* –vs- Joseph Bugeja**", Appell Civili, 30 ta' April 1990;

L-attur minn naha tieghu ppretenda wkoll in aggunta mas-somma likwidata mill-perit legali, il-hlas ta' tmien mija u erbghin lira (Lm840) ghall-kera ta' *garage* biex izomm fih il-vettura. Frankament din il-Qorti tara li tali pretiza hi wahda kapriccjuza konsiderat il-fatt illi l-karozza giet determinata li kienet "*wreck*". Ma tarax ghalhekk ghalfejn l-attur kellu jingarba ruhu biex jikri *garage* ghall-iskop li jzomm "*wreck*" fih. Konsegwentement din il-Qorti ma tistax taccetta bhala valevoli dan r-reklam ta' l-attur ghall-hlas.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok takkolji l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u b' hekk tiddikjara nulla c-citazzjoni fil-konfront taghhom. Dan bl-operat ta' l-Artikolu 460 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura

Civili. Inoltre takkolji wkoll l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Charles Polidano. B' hekk tillibera kemm lil dan kif ukoll lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju;

Tilqa' invece t-talbiet attrici fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta, ukoll imsejha fil-kawza, billi tiddikjaraha responsabbli ghall-event dannuz subit mill-attur minhabba ommissjoni kolpuza tad-dover bi ksur ta' l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili;

Tilqa' ghalhekk it-tieni talba billi tillikwida d-danni hekk subiti mill-attur fl-incident tat-8 ta' Marzu 1992 fl-ammont ta' sitt elef lira Maltija (Lm6000);

Konsegwentement tikkundanna lill-istess Korporazzjoni Enemalta ghall-hlas ta' l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni.

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jitbatew mill-Korporazzjoni Enemalta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------